**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Diċembru 2023**

Rikors Numru: 274/23 AL

A B fil-kapaċita' tiegħu bħala Mandatarju Speċjali tal-Assenti minn Malta

C B

vs

D B

(M.R. Numru 1465/2018)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta:

1. Illi l-esponenti nomine kien inghata prokura mill-assenti minn Malta C B kopja tal-imsemmija prokura qiegħda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-10 ta' Gunju tas-sena 2018 fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Gesu' il-belt, Valletta;

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

4. Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom separati de facto minn Dicembru tas-sena 2018, u dana skond ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness, esebit u mmarkata bhala Dok. B, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B(a) u (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi llum -il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il- partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66B (c) tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi skond il-kuntratt taSeparazzjoni Personali taghhom [Dok.B], il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt ta' manteniment minghand xulxin b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi għalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

Talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l 10 ta' Gunju 2018 ai termini ta' l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Gunju 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti nomine irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-

partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Settembru 2020 u de facto separati minn 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.